FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

6 ta Frar 2016

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tat-tlettax (13)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejħet laqgħa b'urġenza, it-tlettax (13) – il Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar it-Ħamis 18 ta' Frar 2016 fl-4.00pm,** b'din l-aġenda:

1. Financial Statements 2015

Għat-tlettax (13)-il laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, Il-Viċi Sindku Vincent Borg, Il-Kunsillier James Aaron Ellul, u l-Kunsillier Albert Demarco, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv S Flores.**

**Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.**

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ Michaela Farrugia ma kienitx preżenti.

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mis-Sindku Davina Sammut Hili u l-membri preżenti.

1. **Financial Statements 2015**

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-Financial Statements tas-sena 2015

**NB. 4.04pm - Il-Laqgħa ġiet xolta sabiex ikun jista' jingħaqad mal-mejda l-Accountant tal-Kunsill, sabiex jgħatti spjegazzjoni tal-Financial Statements.**

**4.25pm – Il-Laqgħa tkompliet**

1.2. Il-Kunsill innota li is-sena 2015 reġet offriet sfida finanzjarja, fejn ġie irreġistrat defiċit, li kien attribwit għal numru ta fatturi fosthom deprezzament u tneħħija ta diversi assi., madankollu ġie nnutat li l-Kunsill ikkontrolla iktar in-nefqiet tiegħu.

1.3. Ġie innotat ukoll li madankollu, il-kunsill jinsagħab f'qagħda finanzjarjament aħjar mis-snin preċedenti fejn jidħol *cash flow*, u għalaq is-sena finanzjarja b'iktar assi fissi u kurrenti milli djun taħt forom varji.

1.4. Il-Viċi Sindku Vince Borg ressaq mozzjoni, u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Konsegwentement ġew approvati u iffirmata l-Financial Statements 2015 tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

**Il-laqgħa intemmet fis-4.30 p.m.**

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv